**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**-vs-**

**Jason Mangion, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 99590(M);**

**Sebastian (Sebastian-John) Formosa detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 344072(M); u**

**Jesmond Saliba detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 119768(M);**

**Kumpilazzjoni Nru. 276/07**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Jesmond mangion, Sebastian (Sebastian-John) Formosa u Jesmond Saliba u ċioè talli:

> F'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Settembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkommettew serq ta' diversi oġġetti proprjetà

ta' Multi Trade Ltd għad-dannu tal-istess Multi Trade Ltd ta' Triq Siġġiewi, Żebbuġ, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

**Fil-konfront ta' Jason Mangion wahdu u ċioe talli:**

1. talli f'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, mingħajr awtorizzazzjoni, għamel *output* ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li kienu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn ittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun, u dan bi pregudizzju tal-prinċipal tiegħu;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, mingħajr awtorizzazzjoni, ikkopja *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal imkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm, u dan bi pregudizzju tal-prinċipal tiegħu;
3. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorizzazzjoni, ħa pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom, u dan bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Dicembru, 2007.[1]

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputati fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2016, l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

[1] Fol.977

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati u l-fedina penali taghhom li hija wahda netta. Konsiderazzjoni qed tinaghta ukoll lill-fatt li tali ammissjoni wasslet fi stadju ferm avvanzat tal-proceduri fejn il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-kaz taghha f'Jannar 2008. Dan il-fatt izda ghandu jittiehed fil-kuntest tal-proceduri li sfortunatament thallew jiddilungaw ghal tul ta' zmien li ftit jista' jigi gustifikat. Tenut kont ta' dawn il-fatturi u partikolarment tat-trapass ta' zmien ta kwazi ghaxar snin minn mindu nbdew dawn il-proceduri, din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(c)(d), 268, 279, 280, 533, 267, tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Sebastian (Sebastian-John) Formosa u Jesmond Saliba hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, izda izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jwettaqux reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(c)(d), 268, 279, 280, 533, 267, 337C (1)(b), (c)(f), 337F (2), (3)(a) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Jason Mangion hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**